

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tad-9 ta' Settembru 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – Il-Belġju) – JP vs Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides

(Kawża C-651/19) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika tal-ażil – Proċeduri komuni għall-għoti u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali – Direttiva 2013/32/UE – Artikolu 46 – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 47 – Dritt għal rimedju effettiv – Rikors kontra deċiżjoni ta' każha ta' applikazzjoni sussegwenti għal protezzjoni internazzjonali bħala inammissibbli – Terminu għall-preżentata ta' rikors – Modalitajiet ta' notifika)

(2020/C 378/18)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: JP

Konvenut: Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides

Dispożittiv

L-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta r-rikors kontra deċiżjoni ta' inammissibbiltà ta' applikazzjoni sussegwenti għal protezzjoni internazzjonali għal terminu ta' dekadenza ta' għaxart ijiem, inklużi l-jiem ta' btajjel pubbliċi u mingħajr xogħol, li jibdew jiddekorru min-notifika ta' tali deċiżjoni, inkluż meta, fin-nuqqas ta' għażla ta' domiċilju f'dan l-Istat Membru mill-applikant ikkonċernat, tali notifika ssir fis-sede tal-awtorità nazzjonali kompetenti sabiex teżamina dawn l-applikazzjonijiet, sakemm, l-ewwel nett, dawn l-applikanti jiġu informati li, fin-nuqqas ta' għażla tad-domiċilju għall-finijiet tal-applikazzjoni tagħhom, dawn għandhom jitqiesu li għażlu domiċilju għal dawn il-finijiet fis-sede ta' din l-awtorità nazzjonali kompetenti, it-tieni nett, il-kundizzjonijiet ta' aċċess tal-imsemmija applikanti għal din is-sede ma jagħmlux eċċessivament diffiċli li dawn tal-aħħar jirċievu deċiżjonijiet dwarhom, u t-tielet nett l-aċċess effettiv għall-garanziji proċedurali rrikonoxxuti lill-applikanti għal protezzjoni internazzjonali mid-dritt tal-Unjoni jiġi żgurat lilhom f'tali terminu, u, ir-raba' nett, il-prinċipju ta' ekwivalenza jkun osservat. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tissodisfax dawn ir-rekwiżiti.

⁽¹⁾ ĠU C 372, 4.11.2019.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Ġermanja)
fit-22 ta' Ġunju 2020 – Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja vs SW**

(Kawża C-273/20)

(2020/C 378/19)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesverwaltungsgericht

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

Konvenut: SW

Intervenjenti: Stadt Darmstadt